



Is-sessjoni plenarja fil-qosor (Strasburgu, 13-16.03.17)

Dibattitu dwar il-Kunsill Ewropew u d-Dirjarazzjoni ta' Ruma

Matul id-dibattitu ewlieni ta' nhar l-Erbgħa, l-MEPs ser jiddibattu l-eżitu tal-Kunsill Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu u jiddiskutu d--"Dikjarazzjoni ta' Ruma" tas-60 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma. Fid-dibattitu ser ikun hemm ukoll il-President tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-Viċi Prim Ministru Louis Grech u l-Prim Ministru tal-Italja Paolo Gentiloni.

3

Vot finali tal-Parlament dwar id-drittijiet tal-azzjonisti fil-kumpanniji tal-UE

Għodda ġodda biex iħeġġu l-kumpanniji l-kbar Ewropej iħarsu iktar lejn il-prestazzjoni tagħhom fit-tul billi jsaħħu r-rwol tal-azzjonisti ser jiġu dibattuti nhar it-Tnejn u vvutati nhar it-Tlieta. Ir-regoli jinkludi li l-azzjonisti jkollhom rwol fis-salarji tad-diretturi u li jkun iżjed faċli biex kumpannija tidentifika l-azzjonisti tagħha.

4

Minerali ġejjin minn żoni ta' kunflitt: L-MEPs jistabbilixxu obbligu ta' diliġenza dovuta fuq l-importaturi

Abbozz ta' regolament tal-UE li jwaqqaf il-finanzjament ta' gruppi armati u ksar tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-kummerċ fil-minerali minn żoni ta' kunflitt ser jiġi vvutat il-Flamis. Din il-liġi ser tobbliga lill-importaturi kollha, għajr l-iżgħar ftit, tal-landa, it-tungsten, it-tantalum u d-deheb, biex iwettqu kontrolli ta' "diliġenza dovuta" dwar il-provdituri tagħhom. Il-produtturi l-kbar ser ikollhom ukoll jikxfu kif ser jimmonitorjaw is-sorsi tagħhom biex jikkonformaw mar-regoli.

5

Tisħiħ tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-ikel

Abbozz ta' pjanijiet li jsaħħu l-ispezzjonijiet tal-ikel ser jiġu vvutati nhar l-Erbgħa. Il-leġiżlazzjoni, li diġà hemm ftehim informali dwarha bejn l-MEPs u l-Kunsill, timmira li ttejjeb it-traċċabbiltà tal-ikel, tikkombatti l-frodi u ttejjeb il-kunfidenza tal-konsumatur fl-integrità tal-katina tal-ikel.

6

Skart: Aktar riċiklaġġ, inqas miżbljet

Is-sehem tal-iskart li għandu jiġi riċiklat għandu jżied għal 70% sal-2030, mill-44% tal-llum, skont pjanijiet li għandhom jiġu vvutati nhar l-Erbgħa. L-MEPs iridu wkoll li l-pjanijiet fil-"pakkett dwar l-iskart" jilimitaw is-sehem tal-miżbljet, li għandhom effett ambjentali, għal 5% u biex iwasslu għal tnaqqis ta' 50% tal-iskart tal-ikel sal-2030.

7


<http://www.europarl.europa.eu/news/mt/agenda/briefing/2017-03-13>


Għal aktar informazzjoni

[Aġenda proviżorja](#)
[Ara is-sessjoni plenarja bil-webstreaming](#)
[EuroparlTV](#)
[Konferenzi stampa u avvenimenti oħra](#)
[Websajt awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew](#)
[EP Newshub](#)
[EPRS Plenary podcasts on key issues](#)

Kuntatti

John SCHRANZ

 (+32) 2 28 44264 (BXL)

 (+33) 3 881 74076 (STR)

 (+32) 498 98 14 02

 john.schranz@europarl.europa.eu

Dibattitu dwar il-Kunsill Ewropew u d-Dirjarazzjoni ta' Ruma

Matul id-dibattitu ewlieni ta' nhar l-Erbgħa, l-MEPs ser jiddibattu l-eżitu tal-Kunsill Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu u jiddiskutu d--“Dikjarazzjoni ta' Ruma” tas-60 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma. Fid-dibattitu ser ikun hemm ukoll il-President tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-Viċi Prim Ministru Louis Grech u l-Prim Ministru tal-Italja Paolo Gentiloni.

Dibattitu: L-Erbgħa, 15 ta' Marzu

Proċedura: Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u l-Kummissjoni b'dibattitu

#EUCO #euco

Għal aktar informazzjoni

[Aġenda tal-Kunsil Ewropew tad-9 u l-10 ta' Marzu](#)
[Materjal Awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

Vot finali tal-Parlament dwar id-drittijiet tal-azzjonisti fil-kumpanniji tal-UE

Għodda ġodda biex iħeġġu l-kumpanniji l-kbar Ewropej iħarsu iktar lejn il-prestazzjoni tagħhom fit-tul billi jsaħħu r-rwol tal-azzjonisti ser jiġu dibattuti nhar it-Tnejn u vvutati nhar it-Tlieta. Ir-regoli jinkludi li l-azzjonisti jkollhom rwol fis-salarji tad-diretturi u li jkun iżjed faċli biex kumpannija tidentifika l-azzjonisti tagħha.

Dawn l-għodda, maqbula informalment min-negozjaturi tal-Parlament u tal-Kunsill f'Diċembru 2016, għandhom jippermettu li l-azzjonisti jivvutaw fuq is-salarji tad-diretturi tal-kumpanniji, biex b'hekk tali salarji jkunu iżjed konnessi mal-prestazzjoni u l-interessi fit-tul tal-kumpannija.

Ir-regoli għandhom jippermettu wkoll identifikazzjoni aħjar tal-azzjonisti biex il-kumpannija tkun tista' tikkomunika aħjar magħhom, kif ukoll faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-azzjonisti, inkluż id-dritt ta' parteċipazzjoni u ta' invutar fil-laqgħat ġenerali.

Fl-istess waqt, ħtiġiet ġodda ta' trasparenza għandhom jgħinu lill-investituri istituzzjonali u l-ġestjonarji tal-assi, li spiss huma azzjonisti importanti ta' kumpanniji ikkwotati fl-UE, biex itejbu r-rwol tagħhom fl-istrateġiji ta' investment.

Dibattitu: It-Tnejn, 13 ta' Marzu

Vot: It-Tlieta, 14 ta' Marzu

Proċedura: Proċedura ordinarja leġiżlattiva (ftehim fl-ewwel qari)

Konferenza stampa: It-Tlieta 14 ta' Marzu fl-16.00 mar-relatur u l-Kummissarja Věra Jourová

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' raport dwar it-tiżni tal-impenn fit-tul tal-azzjonisti](#)

[Stqarrija għal-istampa dwar il-ftehim interistituzzjonali](#)

[Profil tar-relatur: Sergio Gaetano Cofferati \(S&D, IT\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

Minerali ġejjin minn żoni ta' kunflitt: L-MEPs jistabbilixxu obbligu ta' diliġenza dovuta fuq l-importaturi

Abbozz ta' regolament tal-UE li jwaqqaf il-finanzjament ta' gruppi armati u ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-kummerċ fil-minerali minn żoni ta' kunflitt ser jiġi vvutat il-Ħamis. Din il-liġi ser tobbliga lill-importaturi kollha, għajr l-iżgħar ftit, tal-landa, it-tungsten, it-tantalum u d-deheb, biex iwettqu kontrolli ta' "diliġenza dovuta" dwar il-provdituri tagħhom. Il-produtturi l-kbar ser ikollhom ukoll jikxfu kif ser jimmonitorjaw is-sorsi tagħhom biex jikkonformaw mar-regoli.

L-importaturi li ser ikunu eżentati mir-regoli jinkludu importaturi żgħar bħad-dentisti u l-ġujjelliera. Dan sabiex ma jiffaċċawx piż burokratiku żejjed. Il-kumpanniji kbar tal-UE li jixtru dawn il-minerali għall-prodotti tagħhom ser jiġu mħeġġa biex jirrapportaw dwar minn fejn jixtruhom u jistgħu jagħżlu li jitniżżlu f'reġistru tal-UE

Passi li jmiss

Ladarba l-ftehim jiġi addotat ir-Regolament għandu japplika mill-21 ta' Jannar 2021 biex l-Istati Membri jingħatalhom biżżejjed żmien biex jikkostitwixxu awtoritajiet kompetenti u biex l-importaturi jsiru familjari mal-obbligazzjonijiet tagħhom.

Dibattitu: L-Erbgħa, 15 ta' Marzu

Vot: Il-Ħamis, 16 ta' Marzu

Proċedura: Proċedura leġiżlattiva ordinarja (ftehim fl-ewwel qari)

#conflictminerals

Għal aktar informazzjoni

[Stqarrija għall-istampa dwar il-ftehim inter-istituzzjonali \(22 ta' Novembru 2016\)](#)

[Nota ta' Sfond EPRS: \(Mejju 2015\)](#)

[Profil tar-relatur Luliu Winkler \(EPP, RO\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

Tisħiħ tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-ikel

Abbozz ta' pjanijiet li jsaħħu l-ispezzjonijiet tal-ikel ser jiġu vvutati nhar l-Erbgħa. Il-leġiżlazzjoni, li diġà hemm ftehim informali dwarha bejn l-MEPs u l-Kunsill, timmira li ttejjeb it-traċċabbiltà tal-ikel, tikkombatti l-frodi u ttejjeb il-kunfidenza tal-konsumatur fl-integrità tal-katina tal-ikel.

Dibattitu: It-Tlieta, 14 ta' Marzu

Vot: L-Erbgħa, 15 ta' Marzu

Proċedura: Proċedura leġislattiva ordinarja, it-tieni qari

#officialcontrols #foodfraud

Għal aktar informazzjoni

[Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ippreżentata fil-plenarja dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf](#)

[Stqarrija għall-istampa wara l-ftehim interistituzzjonali \(16.06.2016\)](#)

[Profil tar-relatur Karin Kadenbach \(S&D, AT\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Riċerka tal-PE: Ġlieda kontra l-frodi fl-ikel](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professionisti](#)

Skart: Aktar riċiklaġġ, inqas miżbliet

Is-sehem tal-iskart li għandu jiġi riċiklat għandu jżied għal 70% sal-2030, mill-44% tal-illum, skont pjanijiet li għandhom jiġu vvutati nhar l-Erbgħa. L-MEPs iridu wkoll li l-pjanijiet fil-“pakkett dwar l-iskart” jilimitaw is-sehem tal-miżbliet, li għandhom effett ambjentali, għal 5% u biex iwasslu għal tnaqqis ta' 50% tal-iskart tal-ikel sal-2030.

Dibattitu: It-Tlieta, 14 ta' Marzu

Vot: L-Erbgħa, 15 ta' Marzu

Proċedura: Proċedura leġislattiva ordinarja, l-ewwel qari

Konferenza stampa: L-Erbgħa tbc

#waste #recycling #landfilling #circulareconomy

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' rapport dwar l-iskart](#)

[Abbozz ta' rapport dwar l-ippakkjar tal-iskart](#)

[Abbozz ta' rapport dwar il-miżbliet](#)

[Abbozz ta' rapport dwar it-tmiem tal-ħajja tal-vetturi, il-batteriji, u apparat elettroniku](#)

[Stqarrija għall-istampa wara l-vot fil-kumitat \(24.01.2017\)](#)

[Profil tar-relatur Simona Bonafè \(S&D, IT\)](#)

[Skart](#)

[Ippakkjar tal-iskart](#)

[Miżbliet](#)

[Vetturi, batteriji, apparat elettroniku](#)

[Infografika](#)

[Riċerka tal-PE: il-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professionisti](#)